**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 40/18 AL

**A B**

**u**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors taz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi huma kienu zzewgu nhar 18 ta'Ottubru 1991, u sseparaw legalment fit-18 ta' Marzu 2013 u dana permezz tal- kuntratt pubbliku maghmul fl-atti tan-Nutar James Grech, kopja awtentika tal- istess qieghda tigi hawn essa u markata bhala DOK B.

Illi ghaldaqstant ghaddew aktar minn erba snin mid-data ta' separazzjoni taghhom.

Illi ghalhekk ukoll il- partijiet ilhom ma jghixux flimkien ghal perjodu kontinwu ta' iktar minn erbgha snin.

Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l- ebda prospett ragionevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi l-esponenti jiddikjaraw illi l-manteniment dovut huwa indikat fis-separazzjoni essa.

Illi it-tnejn jiddikjaraw u jikkonfermaw illi dejjem zammew l-obligazzjonijiet taghhom.

Talbu li din il- Qorti sabiex :

1. Tawtorizza u tippronunzja d- divorzju bejn A B u C B ai termini tal- Artikoli 66A et seq tal- Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqsekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza d- Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Frar, 2018;

Rat illi z-zewg rikorrenti ikkonfermaw ir-rikors promotur bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-18 ta' Marzu 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.